MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 185/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs

Deborah Vella

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Settembru, 2001, ghall-habta ta' 10.45 a.m. fi Triq Spencer, Marsa, saqet vettura nru. DEB-114 :
1) b'manjiera traskurata;
2) bla kont;
3) perikoluza;
4) u aktar b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tajjret lil Graeme McKay u nvolontarjament ikkagunatlu offizi ta' natura gravi per

durata, skond kif iccertifika Dr. Kevin Zammit MD ta’ St. Luke’s Hospital.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 t’Ottubru, 2003, li biha wara li rat l-artikoli 15 (1)(2)(3), 18 tal-Kap. 65 u 226 tal-Kap. 9 sabet lill-appellanti mhux hatja tat-tieni w tat-tielet imputazzjoni ta’ sewqan bla kont u sewqan perikoluz izda sabitha hatja tal-ewwel imputazzjoni ta’ sewqan b’manjiera traskurata w tar-raba’ imputazzjoni talli laqtet u tajjret ma’ l-art u kkagunat feriti ta’ natura gravi per durata fuq il-persuna ta’ Graeme McKay u kkundannata ghal multa ta’ LM100 (mitt lira Maltija) u skwalifikata milli jkollha jew izzomm licenzja tas-sewqan ghal tmint ijiem.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-13 t’Ottubru, 2003, li bih talbet lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles ghalhekk lill-appellanti minn kull htija w piena u fin-nuqqas tvarja l-piena imposta mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali w tnaqqas il-quantum tal-piena peress li dan hu wiehed manifestament eccessiv.

Rat l-aggravji ta’ l-appellanti;

Rat il-verbal tal-lum redatt mill-Ufficjal Prosekutur, Dr. Anthony Barbara li bih ecepixxa n-nullita’ tar-rikors tal-appell ghaliex peress li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellanti hatja biss ta’ l-ewwel u tar-raba’ imputazzjoni u mhux hatja tat-tieni w tat-tielet imputazzjoni, jmissa ntalbet ir-riforma tas-sentenza appellata u mhux ir-revoka taghha kif fil-fatt sar;

Semghet it-trattazzjoni mill-abbli difensur illi spjega x’kienu d-diffikultajiet li kellu meta gie biex jimposta l-appell tieghu;

Ikkonsidrat:

Illi din id-diffikulta kienet biss apparenti ghaliex kemm mic-citazzjoni nnifisa w kif ukoll mis-sentenza appellata d-

diversi akkuzi kienu enumerati separatament u gew trattati wkoll separatament fis-sentenza b’mod differenti;

Illi ma hemmx dubju illi f’dan il-kaz kellha tintalab ir-riforma tas-sentenza appellata u mhux ir-revoka, in vista tal-fatt illi l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellanti minn zewg imputazzjonijiet u sabitha hatja ta’ zewg imputazzjonijiet ohra.

Illi dan skond il-gurisprudenza kostanti ta’ dawn il-Qrati mporta n-nullita’ tar-rikors ta’ l-appell ghax dan jippekka kontra l-artikolu 419 (1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk din il-Qorti hija mpeduta milli tipprocedi oltre.

Ghal dawn il-motivi tiddikjara l-appell ta’ l-appellanti rritwali w null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din il-kawza

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------